Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 413/2013

tas-6 ta' Mejju 2013

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għall-użu fl-ilma tax-xorb għall-ħnienes miftuma, il-ħnieżer għas-simna, il-qrejjaq u t-tiġieġ għas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danstar Ferment AG ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 125, 7.5.2013, p. 1)

Emendat minn:

			Ġurnal Uffiċjali		
			Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) tal-15 ta' Diċembru 2016	2016/2260	L 342	14	16.12.2016
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) tat-12 ta' Diċembru 2017	2017/2299	L 329	33	13.12.2017

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 413/2013

tas-6 ta' Mejju 2013

li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għall-użu fl-ilma tax-xorb għall-ħnienes miftuma, il-ħnieżer għas-simna, il-qrejjaq u t-tiġieġ għas-simna (detentur tal-awtorizzazzjoni ►M1 Danstar Ferment AG ◄)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u mill-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-flora li jkun hemm fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv għall-użu fl-għalf tal-annimali soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M2

ANNESS

In-numru ta' identifikazzjoni tal-additttiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Additttiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	L-ispeċi jew il-kategorija tal-annimal	L-età massima	Il-kontenut minimu	Il-kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/l tal-ilma għax-xorb			
Kategorija tal-additttivi żootekniċi. Il-grupp funzjonali: stabbilizzanti għall-batterji li jkun hemm fil-musrana									
4d1712	Lallemand SAS	*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M	*Il-kompożizzjoni tal-additttiv* Preparat ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M li fih minimu ta' 1×10^{10} CFU/g additttiv *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* Ċelloli vijabbli ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5 M *Metodi analitiċi* ([1]) Enumerazzjoni: metodu tat-tifrix bl-użu tal-agar MRS (EN 15786:2009) Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE)	Ħnienes (miftuma) Tiġieġ tal-bajd	—	5×10^8	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-additttiv għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana u l-istabbiltà fl-ilma tax-xorb. 2. Għall-ħnienes (miftuma) sa 35 kg. 3. Għas-sikurezza: waqt il-maniġġ għandhom jintużaw il-protezzjoni għan-nifs, in-nuċċalijiet u l-ingwanti. 4. L-additttiv għandu jitħallat ma' additttivi tal-għalf oħrajn jew ma' materjali tal-għalf oħrajn li jippermettu li jitħallat b'mod omoġenju u komplet fl-ilma għax-xorb.	27.5.2023

([1]) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports